MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Mandat Numru. 1410/2011/1

**Sandra Cini**

**vs**

**Anthony Saliba**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-7 ta’ Ottubru 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat tal-24 ta’ Ottubru 2011.

Rat li d-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2011;

Rat illi r-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

In sintesi t-tesi tar-rikorrenti hi s-segwenti. Hi ghandha pretensjoni ta’ legittima fuq l-eredita tal-mejta ommha Mary Saliba li mietet fid-19 ta’ Gunju 2005 fejn thalla bhala

eredi l-intimat Anthony Saliba. Ziedet li l-pretensjoni taghha mill-assi mobbli w immobbli tad-decuius tammonta ghal hafna aktar minn Euro 10,000 u fil-fatt fethet kawza biex tigi likwidata l-legittima spettanti lilha. Ghalhekk qed titlob illi l-intimat ma jiddisponix mill-immobli imsemmija fir-rikors parti mill-patrimonju tal-intimat.

L-intimat irrisponda illi r-rikorrenti ma pprovatx dritt prima facie billi ma pproduciet ebda dokumenti li juru l-konsistenza tal-assi, il-valur, u minn fejn jorigina d-dritt taghha bhal testment, ricerki u kuntratt causa mortis. Inoltre ma hemm ebda pregudizzju kawzat lir-rikorrenti u dan hu desumibbli mill-fatt li damet sitt snin u nofs mindu mietet ommha qabel ma ghamlet it-talba ghal hrug tal-mandat.

Din il-Qorti tqis li nonostante t-talba attrici ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hi ghal ammont ta' flus xorta jridu jigu pruvati l-elementi ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Il-Qorti tqis illi bhala wild tad-decuius, u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan u anqas dwar il-fatt li hemm kawza pendenti ghal legittima, Mary Saliba r-rikorrenti pruvat dritt prima facie skond il-ligi ghall-legittima jekk hi giet eskluza mill-eredita ghalkemm kif issottometta l-intimat, ma ngibitx prova cara dwar kif ghadda l-wirt ta' Mary Saliba.

Il-Qorti pero mhix sodisfatta li r-rikorrenti ipprova li l-hrug tal-mandat hu necessarju biex jigu preservati d-drittijiet tieghu tant li jekk il-mandat ma jintlaqax id-dritt tar-rikorrenti jkun irrimedjabbilment kompromess. Id-dritt tar-rikorrenti hu ghal ammont ta' flus u ma giex muri sodisfacentement minnha illi minghajr il-hrug tal-mandat dan id-dritt ser jigi kompromess. Jidher illi l-intimat ghandu assi biex jaghmel tajjeb ghal pretensjoni tar-rikorrenti tant illi d-dritt taghha hu ta' terz ta' dak li wiret l-intimat minghand martu, omm ir-rikorrenti u dan apparti l-proprjeta appartenenti lil-istess intimat li qua eredi wkoll trid taghmel tajjeb ghal pretensjoni tar-rikorrenti f'kaz li jiddisponi mill-proprjeta jew parti mill-proprjeta formanti parti mill-wirt ta' Mary Saliba.

Ir-rikorrenti ma urietx a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-intimat qieghed jew ser jikkomprometti d-dritt tar-rikorrenti b'xi att jew atti tieghu u dan iktar minn hames snin wara l-mewt ta' Mary Saliba.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi t-talba tar-rikorrenti mhix gustifikata u qed tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------